## IL-KAV. Dr. ĠUŻÈ GALEA, M.D., D.P.H., M.B.E., REBBIEĦ TAL-PREMJU "ĠUŻÈ MUSCAT AZZOPARDI"

GĦANDNA l-pjaċir inħabbru li fuq deċiżjoni tal-Ġurija maħtura skond id-dispożizzjonijiet tal-Fundatur tal-Premju "Muscat Azzopardi" fil-laqgħa li saret fit-23 ta' Ġunju, ta' l-1949, ir-rebbieħ tal-Premju għal din is-sena huwa l-Kav. Dr. Ġużè Galea, M.D., D.P.H., M.B.E.

Kif diġà kien hemm imħabbar fl-istampa, b'deċiżjoni ta' l-istess Ġurija f'Lulju ta' l-1948, minħabba t-tibdil tad-data taċ-ċelebrazzjoni tal-Premju "Muscat Azzopardi" u xi ċirkustanzi oħra, id-deċiżjoni dwar il-għoti tal-Premju baqgħet għal Ġunju tas-sena ta' wara. Skond ix-xewqa tal-Fundatur, imwettqa mill-Ġurija, id-data taċ-ċelebrazzjoni tal-Għoti tal-Premju ġiet iffissata għal dik ta' l-14 ta' Novembru, 1949, li tfakkar id-data li fiha twaqqfet il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Għaqda", li tagħha kien l-ewwel President Ġużè Muscat Azzopardi, il-Missier tal-Letteratura Moderna Maltija.

Il-merti ta' Dr. Galea bħala ħaddiem għall-progress tal-Malti u bħala kittieb magħruf tal-Malti kulħadd jafhom. Ġużè Galea, kif dlonk nafuh bħala kittieb, huwa l-lum wieħed mill-aqwa figuri fil-kamin ta' dawk li, wara l-passi ta' Ġużè Muscat Azzopardi, l-ewwel President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, fetħu t-triq bil-ħidma tagħhom għall-progress tal-letteratura Maltija. Dr. Galea mhux il-kittieb li nibet qabel l-Għaqda, iżda nistgħu ngħidu li nibet magħha flimkien ma' sħabu, li minn ħdan l-Università kienu l-ewlenin fost l-istudenti li bil-pinna tagħhom fetħu epoka ġdida ta' qawmien fil-letteratura Maltija. Kien sewwa sew wara li nħolqot l-"Għaqda" li Ġużè Galea, student ta' l-Università ta' Malta, kien ħa l-ewwel premju f'Konkors ta' Novelli mmiedi mill-"Għaqda"; warajh kien ħa t-Tieni Premju l-mibki u qatt minsi, sieħbu Ġużè Bonnici. Wara dan id-daqsxejn ta' xogħol letterarju, li hu ġawhra ta' proża Maltija, Ġużè Galea, issokta juri l-ħila tiegħu bħala kittieb tajjeb ta' novelli oħra ta' lewn lokali li tagħhom għandna l-isbaħ damma fil-Ġrajjiet tal-Gwerra. Iżda l-aqwa xogħlijiet li bihom ronom u żied it-tagħmira letterarja Maltija huma r-romanzi tiegħu li biċċiet minnhom kienu u għadhom użati bħala testi fl-iskejjel.



Il-ħidma tiegħu letterarja u s-sehem lhih u sħiħ fil-ħajja attiva tal-"Għaqda" bħala membru tagħha li fiha, għalkemm mgħobbi bix-xogħol tal-karika tiegħu professjonali, baqa' dejjem jaħdem bi sħiħ, wassluh fil-karika ta' President tal-"Għaqda" — karika li għaraf iżomm u jżejjen bil-ħidma utieqa u bid-dehen għaqli tiegħu.

B'isem il-Membri kollha tal-Għaqda aħna nifirħulu bil-qalb kollha għall-ġieh hekk sabiħ li huwa llum kiseb ma' dawk l-onorifiċenzi l-oħra li bis-saħħa tal-merti professjonali tiegħu f'dawn l-aħħar snin żejnu ismu—ġieh li fih il-"Għaqda" tħoss li għandha sehem u okkażjoni sabiħa biex tifraħ f'għeluq id-disgħa u għoxrin sena ta' ħajja hekk ħaddiema u sabiħa tagħha.

---

## QNIEPEN IDOQQU

*Ta'* W. GULIA

**B'tifkira tal-Mejtin taż-żewġ Assedji — 1565-1941**

Qegħdin idoqqu l-qniepen ta' San Ġwann
B'kisra li f'qalbi ma tħallix tgawdija:
Għax qed jitolbu għall-erwieħ minsija
Ta' żewġ rebħiet miġġielda bla serħan

Fuq swar u makni mġewħa; fid-duħħan,
Qalb il-ħadid imċarrat u l-ħruxija
Tal-għaks u l-ġuħ u l-qirda mistennija,
Sakemm tal-għajb is-sliem ħakem sultan.

Dqqu, ja qniepen! Għaliex tagħkom twila
Tas-snin il-medda, u fuq mewġ l-irjieħ
Il-karba tagħkom tingħi, tixher, ilha.

Doqqu, ja qniepen! Ftakru li l-ġens tagħna
Il-lum u l-bieraħ kien minn dejjem sħiħ
U ma ttemmux ir-regħba tal-baħnana!